**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 8 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 1687/01AE**

**Ancons Limited**

**vs**

**Mario Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u sitt centezmi (Lm185.06) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugh u kkonsenjata.

Ra li l-konvenut ghalkemm jirrizulta li huwa notifikat skond ir-riferta tal-marixxall tal-Qorti, ma deherx fis-seduti ta' l-1 ta' Frar 2002 u dik tal-lum.

Semgha lill-Prokuratur Legali Joanne Dingli tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u sitt centezmi (Lm185.06), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**